32000L0081

L 326/56 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 22.12.2000

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2000/81/KE

## tat-18 ta'Diċembru 2000

## li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar l-iffissar ta' livelli massimi ta' residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali, fl-oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali u f'ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex, rispettivament

**(Test b'relevanza ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fiċ-ċereali u fuqhom [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/58/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fl-oġġetti ta' l-ikel u fuqhom li ġejjin mill-annimali [3], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2000/58/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi fuq ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti u ġo fihom inkluż il-frott u l-ħaxix [4], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 2000/58/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 Lulju 1991 rigward il-ħruġ fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [5], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/68/KE [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f) tagħha,

Billi:

(1) Is-sostanza attiva ġdida, spiroxamine, kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/73/KE [7] għall-użu biss bħala fungiċida, bla ma speċifikat il-kondizzjonijiet speċifiċi li għandhom impatt fuq il-prodotti li jistgħu jkunu ttrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-ispiroxamine.

(2) L-imsemmija inklużjoni fl-Anness I kienet ibbażata fuq il-valutazzjoni ta' l-informazzjoni mressqa rigward l-użu propost bħala fungiċida fuq iċ-ċereali u d-dwieli. L-informazzjoni li tirrigwarda l-użu fuq iċ-ċereali u d-dwieli tressqet minn ċerti Stati Membri bi qbil mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli ġiet irriveduta u hija suffiċenti biex ikunu stabbiliti ċerti livelli massimi ta' residwi.

(3) Meta l-ebda massimu Komunitarju tal-livell tar-residwi jew MRL proviżorju ma jeżisti, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi livell massimu nazzjonali ta' livelli tar-residwi bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel ma l-awtorizzazzjoni tkun tista' tingħata.

(4) Ma' l-inklużjoni fl-Anness I tad-direttiva 91/414/KEE il-valutazzjoni teknika u xjentifika ta' l-ispiroxamine kienet ġiet finalizzata fit-12 ta' Mejju 1999 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-ispiroxamine. F'dan ir-rapport ta' reviżjoni l-inġestjoni aċċettabbli ta' kull jum (IAJ) ta' l-ispiroxamine kienet ġiet stabbilita bħala 0,025 mg/kg bw/kull jum. L-espożizzjoni tul ħajjithom kollha tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel ittratti bl-ispiroxamine ġiet stmata u kkalkolata bi qbil mal-proċeduri u l-prattiċi wżati fil-Komunità Ewropea, billi ttieħed akkont tal-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa [8] u ġie kkalkolat li l-livelli massimi ta' residwi stabbiliti f'din id-Direttiva ma jikkostitwux eċċessività ta' dan l-IAJ..

---

[1] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.
[2] ĠU L 244, tad-29.9.2000, p. 78.
[3] ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.
[4] ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.
[5] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[6] ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 41.
[7] ĠU L 206, tal-5.8.1999, p. 16.
[8] Linji ta' gwida biex jiġi previst il-konsum ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), ippreparati mill-Programm ta' l-Ikel/GEMS f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Kodex dwar Residwi tal-Pestiċida, ippubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS97.7)

(5) Effetti tossiċi akuti li jeħtieġu li wieħed jistabbilixxi referenza għal doża akuta ma ġewx innotati matul l-estimi u d-diskussjoni li saru qabel ma l-ispiroxamine kien imdaħħal fl-Anness 1 tad-Direttiva 91/414/KEE.

(6) Fil-każ ta' ċerti prodotti agrikoli l-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-ispiroxamine kienu diġà ġew definiti b'mod li jippermettu l-iffissar ta' ċerti livelli massimi definittivi ta' residwi.

(7) Biex ikun assigurat li l-konsumatur jiġi protett biżżejjed milli jiġi espost għar-residwi fil-prodotti jew fuqhom li għalihom ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni, hija ħaġa prudenti li jiġu stabbiliti livelli massimi proviżorji ta' residwi lejn il-limitu baxx ta' l-analiżi determinattiva għal dawk il-prodotti kollha koperti mid-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE and 90/642/KEE. Il-fatt li jiġu stabbiliti fuq livell Komunitarju dawn il-livelli massimi proviżorji ta' residwi ma jipprevenux lill-Istati Membri milli jistabbilixxu livelli massimi proviżorji ta' residwi ta' l-ispiroxamine bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE, u bi qbil ma' l-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari l-Parti B, is-sezzjoni 2.4.2.3 ta' dan l-Anness; erba' snin huma kkunsidrati perjodu ta' żmien biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-biċċa l-kbira ta' l-użi l-oħrajn ta' l-ispiroxamine. Wara dak il-perjodu dawn il-livelli massimi proviżorji ta' residwi għandhom isiru definittivi.

(8) Il-Komunità nnotifikat l-abbozz tad-Direttiva lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti li waslu ġew ikkunsidrati fl-iffinalizzar tad-Direttiva. Il-possibbiltà ta' l-iffissar tal-livelli massimi tar-residwi tollerati fl-importazzjoni fil-każ ta' taħlitiet speċifiċi ta' pestiċida ma' prodott sejra tkun eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tas-sottomissjoni ta' l-informazzjoni aċċettabbli.

(9) L-opinjonijiet tal-Kumitat Xjentifiku għall-Pjanti, b'mod partikolari l-pariri u r-rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti ta' l-ikel ittrattati bil-pestiċidi, kienu ġew meqjusa.

(10) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-parti A ta' l-Anness tad-Direttiva 86/362/KEE:

| Residwi tal-pestiċida | Livell massimu f'mg/kg | |
|---|---|---|
| "Spiroxamine | 0,3 (p) | Xgħir u ħafur |
| | 0,05 (p) (*) | Ċereali oħrajn |

(*) Tindika l-livell l-aktar baxx tad-determinazzjoni analitika
(p) Tindika l-livell massimu tar-residwu proviżorju"

*Artikolu 2*

Dan li ġej għandu jiżdied mal-parti B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

| Residwi tal-pestiċida | Livell massimu (mg/kg) | | |
|---|---|---|---|
| | Ta' laħam inkluż ix-xaħam reparazzjonijiet ta' laħam, interjuri u xaħmijiet ta' l-animali kif elenkati fl-Anness I fil-Kodiċi NM 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 and 1602, | Għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I fil-Kodiċi NM 0401, 0402, 0405 00 u 0406 | Għall-bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Annessi fil- Kodiċi NM 0407 00 u 0408 |
| Aċidu ta' l-ispiroxamine carboxylic espress bħala spiroxamine | 0,2 (p) ex 0206 Fwied kliewi 0,05 (p) (*) Prodotti oħrajn | 0,02 (p) | 0,05 (p) (*) |

(*) Tindika l-limiti l-aktar baxxi tad-determinazzjoni analitika
(p) Tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwu

*Artikolu 3*

Il-kontenut ta' l-Anness ta' din id-Direttiva għandu jiżdied ma' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE.

*Artikolu 4*

1. Fil-każ ta' dawk il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness II tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE dwar il-livelli massimi tar-residwi ta' l-ispiroxamine huma indikati bħala "(p)", dawn għandhom ifissru li huma proviżorji (p) skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.

2. Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-livelli massimi proviżorji tar-residwi għall-ispiroxamine fl-Annessi m'għandux jibqa' aktar proviżorju u għandu jsir definittiv fis-sens ta' l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 86/362/KEE u 86/363/KEE jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/642/KEE rispettivament.,

*Artikolu 5*

1. Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fl-1 ta' Lulju 2001 l-aktar tard. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

3. Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif din ir-referenza għandha ssir.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kumissjoni*

*ANNESS*

| **Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL** | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi (mg/kg) |
|---|---|
| | Spiroxamine |
| 1. Frott frisk, imnixxef jew mhux imsajjar, ippreservat bil-friża, li ma jkunx hemm miżjud miegħu zokkor, ġewż | |
| i) FROTT TAĊ-ĊITRU (AGRUMI) | 0,05 (P) (*) |
| Tronġ | |
| Lumi | |
| Xkomb | |
| Mandolin (inkluża il-klementin u ibridi oħra) | |
| Larinġ | |
| Pomelos | |
| Oħrajn | |
| ii) LEWŻ TAS-SIĠAR (BIL-QOXRA JEW MINGĦAJRHA) | 0,05 (P) (*) |
| Lewż | |
| Ġewż tal-Brażil | |
| Ġewż tal-kaxxju | |
| Qastan | |
| Ġewż ta' l-Indji | |
| Ġellewż | |
| Makadamia | |
| Pekani | |
| Ġewż ta' l-arżnu (prinjoli) | |
| Pistaċċi | |
| Ġewż | |
| Oħrajn | |
| iii) FROTT TAL-POME (razza tat-tuffieħ) | 0,05 (P) (*) |
| Tuffieħ | |
| Lanġas | |
| Sfarġel | |
| Oħrajn | |
| iv) FROTT TA'L-GĦADMA | 0,05 (P) (*) |
| Berquq | |
| Ċirasa | |
| Ħawħ (inkluża n-nektarina u ibridi oħra ) | |
| Għanbaqar | |
| Oħrajn | |
| v) KUKKU U FROTT IRQIEQ | |
| a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid | 1 (P) |
| Għeneb tal-mejda | |
| Għeneb ta' l-inbid | |
| b) Frawli (Minbarra dak selvaġġ) | 0,05 (P) (*) |
| c) Frott taż-żokk (minbarra dak selvaġġ | 0,05 (P) (*) |
| Tut | |
| Dewberries | |
| Loganberries | |
| Ċawsli | |
| Oħrajn | |

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi (mg/kg) |
|---|---|
| | Spiroxamine |
| d) Frott irqiq ieħor u kukku (apparti minn dak selvaġġ)<br>Qerqnin<br>Cranberries<br>Passolina (ħamra, sewda u bajda)<br>Ribes<br>Oħrajn | 0,05 (P) (*) |
| e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ | 0,05 (P) (*) |
| vi) Mixxellanji<br>Avokado<br>Banana<br>Tamal<br>Tin<br>Kiwi<br>Kumkwatt<br>Litċi<br>Mangi<br>Żebbuġ<br>Frott tal-passjoni<br>Ananas<br>Rummien<br>Oħrajn | 0,05 (P) (*) |
| 2. **Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew xott.** | 0,05 (P) (*) |
| i) GĦERUQ U TUBERI<br>Pitravi<br>Żunnarija<br>Krafes<br>Għerq mustarda<br>Artiċoks<br>Zfunnarija bajda<br>Għerq it-tursin<br>Ravanell<br>Salsafja<br>Patata ħelwa<br>Rapa Svediża<br>Nevew<br>Yam<br>Oħrajn | |
| ii) ĦAXIX TAL-BASLA<br>Tewm<br>Basal<br>Basal abjad<br>Basal tar-rebbiegħa<br>Oħrajn | |
| iii) ĦAXIX TAL-FROTT<br>a) Solanacea<br>Tadam<br>Bżar<br>Brunġiel<br>Oħrajn | |

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi (mg/kg) |
|---|---|
| | Spiroxamine |
| b) Kukubriti - Qoxra li tittiekel | |
| Ħjar | |
| Ħjar tal-pikles | |
| Qarabagħli | |
| Oħrajn | |
| c) Kukubriti - Qoxra li ma tittikilx | |
| Bettiħ | |
| Ibieba tal-Qara' | |
| Dulliegħ | |
| Oħrajn | |
| d) Qamħirrum | |
| iv) BRASSIKA | |
| a) Brassika tal-fjuri | |
| Brokkli | |
| Pastard | |
| Oħrajn | |
| b) Brassika tar-ras | |
| Brussel sprouts | |
| Kaboċċi tar-ras | |
| Oħrajn | |
| c) Brassika mwerrqa | |
| Kaboċċi ċiniżi | |
| Kale | |
| Oħrajn | |
| d) Kolrabi | |
| v) ĦAXIX TAL-WERQA U ĦWAWAR FRISKI | |
| a) Ħass u oħrajn simili | |
| Krexxuni | |
| Ħass tal-haruf | |
| Ħass | |
| Skarole | |
| Oħrajn | |
| b) Spinaċi u oħrajn simili | |
| Spinaċi | |
| Weraq tal-pitravi (chard) | |
| Oħrajn | |
| c) Krexxuni ta' l-ilma | |
| d) Witluf | |
| e) Ħwawar | |
| Maxxita | |
| Kurrat selvaġġ | |
| Tursin | |
| Weraq tal-krafes | |
| Oħrajn | |
| vi) ĦXEJJEX LEGUMINUŻI (TA' L-IMWIEŻET) (friski) | |
| Ful (bil-miżwed) | |
| Ful (bla miżwed) | |
| Piżelli (bil-miżwed) | |
| Piżelli (bla miżwed) | |
| Oħrajn | |

| Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRL | Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi tar-residwi (mg/kg) |
|---|---|
| | Spiroxamine |
| vii) ĦAXIX TAZ-ZOKK ( frisk)<br>Asparagus<br>Karduni<br>Krafes<br>Bużbież<br>Qaqoċċ<br>Kurrat<br>Rabarbru<br>Oħrajn | |
| viii) FAQQIEGĦ (FUNGI)<br>a) Faqqiegħ ikkultivat<br>b) Faqqiegħ selvaġġ | |
| 3. **Ħaxix ta' l-imwieżet**<br>Fażola<br>Għads<br>Piżelli<br>Oħrajn | 0,05 (P) (*) |
| 4. **Żrieragħ taż-żjut**<br>Kittien<br>Karawett<br>Żerriegħa tal-peprin<br>Ġungħlien<br>Żerriegħa tal-ġirasol<br>Żerriegħa tar-rapa<br>Żerriegħa tas-Sojja<br>Żerriegħa tal-mustarda<br>Żeriegħa tal-qoton<br>Oħrajn | 0,05 (p) (*) |
| 5. **Patata**<br>Patata tal-bikri<br>Patata mwaħħra | 0,05 (P) (*) |
| 6. **Té** (weraq u żkuk imnixxfa, iffermentati jew mod ieħor, mill-weraq tal-Camellia sinensis) | 0,1 (P) (*) |
| 7. **Ħops** (imnixxef), inklużi boċċi tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat | 0,1 (P) (*) |

(*) Tindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika
(P) Tindika l-livell massimu proviżorju tar-residwi